## 28 ta' Gunju, 1957

## Imħallef:—

## Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Neg. Carlo Galea *versus* Alfred Anastasi pr. et ne.**

## Parapett — Arja — "Neon-Signs" — Insenja — Spoll — Azzjoni Possessorja — Pussess — Tolleranza

*Huwa veru illi l-isporġenzi fuq it-trieqat publiċi, bħal parapetti, turġien u rampi, huma preżunti magħmula mill-proprjetarju tal-fond attigwu, biex jiġu minnu gawduti, sakemm ikun irid il-Gvern; jiġifieri b'titolu prekarju u riżolubbli skond il-volontà tal-Gvern. Dan, però, ma jimportax illi kull min irid jista' impunement jimmolesta lil dak is-sid fil-pussess jew dgawdija tal-parapett jew sporġenza oħra, jew jispuljah mill-pussess tiegħu. Hu biss il-Gvern li jista', meta jrid, jirriżolvi d-dritt tas-sid; u sakemm dan ma jagħmlux, sakemm ikun hemm il-beneplaċitu tal-Gvern, dak is-sid b'xi mod jippossjedi l-parapett, jew sporġenza oħra, u għandu dritt jiġġjova ruħu mill-azzjoni opportuna biex jirrepelli molestja li ssirlu f'dak il-pussess.*

*Għaldaqstant, jekk wieħed li għandu parapett sporġenti fit-trieq publika, jiġi molestat minn persuna oħra bit-tqegħid ta' insenja jew "neon light" li jitqegħdu f'pożizzjoni li jispoljaw lil sid il-parapett mill-pussess tal-istess parapett, l-ispoljant ma jistax jallega li l-attur ma għandux il-proprjetà ta' dak il-parapett għax id-dgawdija ta' parapett hija att ta' tolleranza. Għandha ssir distinzjoni bejn meta tolleranza tkun ġiet mingħand min isofri l-azzjoni u meta tkun ġejja minn ħadd ieħor; fl-ewwel każ, l-azzjoni ma tistgħax tiġġjova lil min ikun qiegħed jagħmel l-attijiet ta' tolleranza; fit-tieni każ, ma tistgħax ma tiġġjovaħx.*

*Lanqas jista' dak l-ispoljant jallega illi hu ma kkommetta ebda spoll, għax biex qiegħed l-insenja luminuża huwa għamel użu mill-arja, u l-arja, bħala "res communis", mhix suxxettiva ta' godiment u ta' pussess ekskluživ. Għax altru hi dik is-sustanza li l-massa totali tagħha tik-*

*kostitwixxi l-atmosfera li tiċċirkonda d-dinja, u kwindi anki l-parapett tal-attur, u altru huwa l-ispazju soprastanti s-superfiċi u dak kollu li jinsab fuq is-superfiċi, skond il-prinċipju li l-proprjetà tas-swol testendi ruħha għall-ispazju sovrastanti u għal kull ma jinsab fuq is-superfiċi u taħtha.*

Il-Qorti; — Rat l-att ta' ċitazzjoni, li biħ l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenut, abużivament, bejn il-11 u l-15 ta' Awissu 1956, iffissa fil-ħajt ta' barra tas-sukkursali talimsemmija ditta, fin-numru 23 Race Course Street, Victoria, Għawdex, insenja luminuża li tisporġi fuq il-proprjetà sottostanti tal-attur, li inutilment sejjaħlu, tant bonarjament kemm ġudizzjarjament, biex ineħħiha; u li b'dan ilmod il-konvenut ikkommetta vjolazzjoni tal-pussess tal-attur talab li l-konvenut jiġi kundannat jirreintegralu l-pussess tiegħu, billi jneħħi l-insenja fuq riferita fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss, taħt il-komminazzjonijiet opportuni. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-att ġudizzjarju, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Tikkunsidra, riferibilment għall-fatti;

Illi d-dar tal-attur u dik fejn hemm is-sukkursali fuq riferita tad-ditta konvenuta qegħdin ħdejn u jmissu ma' xulxin. It-tnejn għandhom parapett. Indana taraġ, in parti mal-ħajt estern tas-sukkursali u in parti mal-ħajt estern tad-dar tal-attur, twassal għall-parapett ta' din id-dar talattur, u passaġġ, għoli mit-trieq żewġ turġien, jagħti aċċess għal dik il-branka ta' taraġ. Dan il-passaġġ qiegħed quddiem il-faċċata tad-dar tas-sukkursali, kif jispiċċa l-parapett tagħha minn naħa tal-lemin ta' min ikun qiegħed iħares lejn id-djar, u huwa tal-wisgħa tal-istess parapett, u qiegħed bejn l-istess parapett u t-taraġ li jikkonduċi għall-parapett tad-dar tal-attur. Jifforma parti evidentement mit-taraġ talparapett tad-dar tal-attur. L-insenja fuq imsemmija qegħedha mwaħħla mal-ħajt estern tad-dar tas-sukkursali tad-ditta

*konvenuta, sporġenti, però,* għal fuq l-imsemmi passaġġ, spazju jew pjanerottolo, formanti parti mill-parapett taddaar tal-attur;

Tikkunsidra;

Illi l-attur jallega illi, jekk huwa jippossjedi l-imsemmi passaġġ — is-swol sottostanti għall-insenja — huwa jippossjedi wkoll l-arja ta' fuq dak is-swol; u dan, salvi naturalment ir-restrizzjonijiet derivanti minn liġijiet u regolamenti għall-eżerċizju tad-dritt tal-proprjetà, ma jistgħax jiġi negat; u per konsegwenza jkollu d-dritt li jimpedixxi li ħadd ieħor jagħmel użu minn dik l-arja, għaliex wieħed mill-karatteri tad-dritt tal-proprjetà huwa appuntu l-esklużività tal-volontà u tal-azzjoni ta' min fih il-proprjetà tkun investita;

Il-konvenut obbjetta li l-arja ma tistgħax tifforma oġġett ta' proprjetà; u dan huwa wkoll veru, għaliex ir-"res communes", fosthom l-arja, mhumiex suxxettivi ta' godiment u ta' pussess esklużiv. Però, minn li jidher, il-konvenut ikkonfonda ħaġa ma' oħra. L-attur ma alludiex għal dik issustanza li l-massa totali tagħha tikkostitwixxi l-atmosfera li tiċċirkonda d-dinja, u kwindi anki l-parapett tal-attur u l-aċċessorji tiegħu, li tissejjaħ ukoll arja, u li hija appuntu waħda mill-imsemmijin "res communes" li ma jistgħux jiffurmaw oġġett ta' proprjetà; l-attur, invece, alluda għallispazju soprastanti s-superfiċi u għal dak kollu li jinstab fuq is-superfiċi, skond il-prinċipju li l-proprjetà tas-swol testendi ruħha għall-ispazju soprastanti u għal kull ma jkun jinsab fuq is-superfiċi u taħtha. "Qui est dominus soli dominus est coeli et inferorum";

Illi l-konvenut issottometta wkoll illi, anki jekk l-arja — l-ispazju soprastanti s-superfiċi — hija esklużivament ta' sid is-superfiċi, u kwindi, fil-każ in ispeċje, l-ispazju soprastanti l-parapett tal-attur huwa proprjetà ta' dan, billi huwa, jiġifieri l-konvenut, għandu ħajt b'faċċata fuq l-istess

parapett, huwa għandu d-dritt jiftaħ f'dak il-ħajt tiegħu kull apertura għal fuq l-istess parapett u jpoġġi ma' l-istess ħajt kwalunkwe ħaġa, anki sporġenti jew li tiddendel fl-arja, fl-ispazju soprastanti ta' l-istess parapett. Dan, iżda, mhux korrett. Kull persuna għandha d-dritt tibni ħajt fuq il-linja tal-konfini; iżda f'dak il-ħajt, għar-raġunijiet li ġa ġew fuq aċċennati, ma tistgħax tiftaħ aperturi jew tagħmel opri li jisporġu jew jiddendlu għal fuq il-proprjetà tal-viċin, jew b'xi mod ieħor tagħmel xi użu mill-ispazju soprastanti dik il-proprjetà;

Illi, fl-aħħarnett, il-konvenut tefa' dubju dwar id-dritt ta' proprjetà tal-attur fuq il-parapett, billi ssottometta illi d-dgawdija ta' parapett hija att ta' tolleranza da parti tal-Gvern;

Huwa veru illi l-isporġenzi fuq it-trieqat pubbliċi, bħal parapetti, turġien u rampi, huma preżunti magħmula mill-proprjetarju tal-fond attigwu, biex jiġu minnu gawduti sakemm ikun irid il-Gvern, b'titolu prekarju u riżolubbli skond il-volontà tal-istess Gvern. Dan, iżda, ma jimportax li kull min irid jista' impunement jimmolesta lil dak is-sid fil-pussess jew dgawdija tal-parapett, jew jispoljaħ mill-pussess tiegħu. Hu biss il-Gvern li jista', meta jrid, jirriżolvi d-dritt tas-sid; u sakemm il-Gvern dan ma jagħmlux, sakemm ikun hemm il-beneplaċitu tal-Gvern, dak is-sid b'xi mod jippossjedi l-parapett, u għandu dritt jiġġjova ruħu mill-azzjoni li esperimenta l-attur; billi, skond il-liġi tagħna, tant għall-waħda kemm għall-oħra mill-azzjonijiet possessorji, jibbasta l-pussess, ta' liema xorta jkun.

Il-konvenut uża l-kelma "tolleranza" biex jissottometti illi l-attijiet ta' tolleranza ma jiswewx biex jagħtu d-dritt għall-azzjoni fuq riferita: iżda hawn, l-ewwelnett, għandha ssir distinzjoni bejn meta t-tolleranza tkun ġiet minn għand min isofri l-azzjoni u meta tkun ġejja minn ħadd ieħor. Fl-ewwel każ, ċertament, l-azzjoni ma tistgħax tiġġjova lil min ikun qiegħed jagħmel l-attijiet ta' tolleranza. Fil-każ l-ieħor,

ma tistgħax ma tiġġjovaħx. Fl-att ta' tolleranza hemm tant il-materja tal-pussess kemm il-volontà possessorja; jiddifetta biss l-"animus domini", li mhux meħtieġ, skond il-liġi tagħna, għal din l-azzjoni, kif hu meħtieġ, per eżempju, għall-preskrizzjoni;

Għall-motivi premessi;

Tiddeċidi adeżivament għall-istanza; bl-ispejjeż.